# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU: 2974

Kaz Nru. 4196/FM

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Gareth Mercieca (K.I.nru 471078 M)

vs

Strand Marine and Auto Systems Ltd (C-13370)

Data: 28 ta' Frar 2024

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Franco Masini**

Fir-Rikors promotorju tat-3 ta'Awwissu, 2023 ir-Rikorrent jiddikjara (paragrafu 4) li fil-10 ta' April, 2023 kien irriżenja mill-impieg tiegħu u jippreżenta kopja ta' *email* ta' riżenja (Dok GM2). Fir-Rikors hemm ukoll diversi talbiet. Is-Soċjeta Intimata, fid-Dikjarazzjoni tal-Każ datata 4 ta' Settembru, 2023 tgħid (paragrafu 4) illi kienet itterminat l-impieg tar-Rikorrent fil-25 ta' April, 2023 waqt il-perijodu ta' *notice* tieghu. Tirritjeni wkoll in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal f'każi ta' reżenja.

It-Tribunal Industrijali huwa kompetenti biex jistħarreġ u jagħti ġudizzju dwar it-tmiem ta' impieg f'każi imressqa quddiemu. F'każi fejn jirriżulta riżenja t-Tribunal ma jistax jagħti ġudizzju ħlief f'każi ta' allegat *constructive dismissal*.

Fil-każ in eżami huwa ċar illi r-Rikorrent ta r-riżenja tiegħu permezz ta' *email* bid-data tal-10 ta' April 2023. Huwa ġie ukoll imkeċċi fil-25 ta' April 2023 waqt il-perijodu ta' *notice*. Dana kien ifisser illi permezz tar-riżenja kien inkiser l-vinkolu kontrattwali u għalhekk ġie terminat irrevokabilment il-kuntratt tax-xogħol bejn il-ħaddiem u l-*Employer*. In vista ta' dan it-Tribunal Industrijali jiddeċidi li ma hemmx lok għal konsiderazzjonijiet ulterjuri, inkluż it-talbiet l-oħra. Jiddikjara l-każ magħluq.

(Iffirmata)

Franco Masini
Chairman